MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1969/2004

**Lawrence Micallef**

**Vs**

**Domenic Zahra**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf erba' mija u sebghin lira Maltin (Lm1,470) rapprezentanti self moghti lilu bl-ispejjez u bl-interessi.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li fil-fatt ma kien hemm l-ebda self ta' flus mill-attur lill-konvenut.

Sema’ x-xhieda ta’ Domenic Zahra, Dennis Zammit u tas-Sur Savona in rapprezentanza tal-Malta Maritime Authority.

Ra l-Affidavit ta’ Lawrence Micallef u ta’ Dr Ruth Scott.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi fl-Affidavit tieghu l-attur qieghed jikkontendi illi huwa silef is-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) lill-konvenut *brevi manu* u inoltre, hallaslu diversi kontijiet li huma elenkati fl-Affidavit tieghu a fol 10 tal-process.

Il-konvenut fix-xhieda tieghu qal illi l-attur kien veru tah erba’ mitt lira Maltin (Lm400) izda huwa kien hallsu lura mitejn lira Maltin (Lm200) minnhom. Huwa zied jghid illi anki ghamel xi pagamenti ohra akkont. Huwa ammetta wkoll illi l-attur tah mija u hamsin lira Maltin (Lm150) biex huwa jhallas il-licenzja tad-dghajsa. Ghalkemm huwa qal ukoll illi ghandu jaghti mitejn lira Maltin (Lm200) lill-attur, huwa zied jghid illi martu tat xi flus lill-attur.

It-Tribunal jirrileva illi l-provi f’dawn l-atti huma skarsi u dan forsi jista’ jkun il-kaz ghaliex kien hemm xi zmien meta l-attur kien johrog mat-tifla tal-konvenut – kif jghid il-konvenut kienu pogguti flimkien.

B’danakollu, t-Tribunal huwa konvint illi l-attur verament silef xi ammont ta’ flus lill-konvenut u li hallaslu xi kontijiet izda stante li hemm kontestazzjoni dwar kemm kien l-ammont, u stante li l-attur ma xehedx viva voce quddiem it-Tribunal izda pprezenta biss Affidavit, huwa difficli ghal dan it-Tribunal biex jaccetta minghajr riservi l-kontenut ta’ l-Affidavit ta’ l-attur.

Illi fid-dawl tal-premess, it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-attur verament silef erba’ mitt lira Maltin (Lm400) lill-konvenut u minn dawn l-erba’ mitt lira Maltin (Lm400), il-konvenut hallsu lura mitejn lira Maltin (Lm200) minnhom u ghalhekk ghar-rigward ta’ self *brevi manu*, t-Tribunal huwa

tal-fehma illi l-ammont dovut mill-konvenut huwa ta' mitejn lira Maltin (Lm200).

Illi inoltre, ghar-rigward tal-flus imhallsin mill-attur ghall-beneficcju tal-konvenut dawn jinsabu elenkati fl-Affidavit a fol 10 tal-process, izda t-Tribunal jinnota illi hemm *items* li huma doppji, fis-sens illi hemm *item* li huwa ndikat bhala *wheel shaft* – mija u tnejn u tletin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm132.54c) li mbaghad jekk wiehed jara l-*item deposit* fuq parts tal-vettura ta' Domenic – hamsin lira Maltin (Lm50) u tiswijiet fuq il-vettura ta' Domenic – tnejn u tmenin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu  (Lm82.54c) li huma konfortati bid-dokumenti C u D igibu ezatt l-istess ammont li jikkombacja perfettament ma' dokument A.

Illi ghalhekk, ghar-rigward tal-hlasijiet li ghamel l-attur ghall-beneficcju tal-konvenut ghandhom ikunu kif ser jinghad:

| | |
|---|---|
| Wheel shaft | Lm 132.54c |
| Tiswija tal-washing machine | Lm  39.50c |
| Boat licence | Lm200.00c |
| Boat licence | Lm  20.00c |
| Bilanc ta' flus mislufa brevi manu | Lm200.00c |
| **Total** | **Lm592.04c** |

Stante li dan l-ammont huwa inqas minn dak mitlub fl-Avviz, it-Tribunal ihoss li ghandu jkun hemm rifless fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u tnejn u disghin lira Maltin u erba' centezmi (Lm592.04c) bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-Avviz.  L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------